DEĊIŻJONI TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI

tat-30 ta' Novembru 2009

dwar il-ħatra ta' Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej

(2010/33/KE, Euratom)

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 223 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 139 tiegħu,

Billi, skont l-Artikoli 7 u 8 tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja u b'konsegwenza tal-mewt tas-Sur Dámaso Ruiz-Jarabo Colomer, għandu jiġi maħtur Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej għall-bqija tal-mandat tas-Sur Dámaso Ruiz-Jarabo Colomer, jiġifieri sas-6 ta' Ottubru 2015,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Is-Sur Pedro Cruz Villalón huwa maħtur Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej għall-perijodu mit-30 ta' Novembru 2009 sas-6 ta' Ottubru 2015.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2009.

Il-President

B. ASK